



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15028/18

MAMA 207
CFSP/PESC 1141
RELEX 1038
LIBYE 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 15025/18 MAMA 206 CFSP/PESC 1140 RELEX 1037 LIBYE 2

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Diċembru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja, adottati mill-Kunsill fit-3662 laqgħa tiegħu li saret fl-10 ta' Diċembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-LIBJA

Kunsill Affarijiet Barranin, 10 ta' Diċembru 2018

1. L-Unjoni Ewropea (UE) tfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar il-Libja u tilqa' l-eżitu tal-Konferenza għal-Libja ospitata mill-Italja f'Palermo fit-12 u t-13 ta' Novembru 2018, li segwiet il-Konferenza ta' Pariġi li saret fid-29 ta' Mejju 2018. F'Palermo, il-mexxejja Libjani u l-komunità internazzjonali esprimew appoġġ sħiħ għall-isforzi li qed isiru attwalment min-Nazzjonijiet Uniti (NU) għal proċess politiku ġestit mil-Libja inkluż il-Pjan ta' Azzjoni kkalibrat mill-ġdid ippreżentat mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU tas-Segretarju Ġenerali Ghassan Salamé fit-8 ta' Novembru lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.
2. L-istatus quo fil-Libja huwa sors prevalenti tal-instabbiltà u l-insigurtà għall-poplu Libjan, il-ġirien tiegħu, u r-reġjun kollu. L-UE ttenni li l-kriżi tal-Libja tista' tiġi solvuta biss permezz ta' soluzzjoni politika li jenħtieġ li tiġi mil-Libjani nfushom permezz ta' proċess politiku inklużiv, bil-parteciġipazzjoni u r-rappreżentanza sħiħa u ugwali tan-nisa, u b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, inkluż id-drittijiet tal-bniedem.

3. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħtu l-appoġġ sħiħ tagħhom għall-Pjan ta' Azzjoni kkalibrat mill-ġdid u ser jakkumpanjaw b'mod attiv it-tliet dimensjonijiet – dik politika, ta' sigurtà u dik ekonomika – f'konformità mal-approċċ koerenti u komprensiv tagħhom fuq perijodu twil biex jappoġġaw il-proċess immexxi min-NU lejn it-transizzjoni u r-rikonċiljazzjoni. Fil-konfront tal-ħtieġa urġenti li jingħeleb l-istagħnar politiku, l-UE tappella lill-atturi Libjani kollha, b'mod partikolari lill-Kamra tar-Rappreżentanti u lill-Kunsill Għoli tal-Istat, biex jikkooperaw b'mod kostruttiv mal-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali lejn l-oġettivi li ntlaħaq qbil dwarhom f'Palermo, inkluż l-organizzazzjoni tal-Konferenza Nazzjonali fil-Libja fil-bidu tal-2019, biex jiġi avvanzat il-qafas kostituzzjonali u leġislattiv meħtieġ u jiġu konklużi l-proċessi kostituzzjonali u elettorali sar-rebbiegħa tal-2019. L-UE tfakkar fl-impenn tagħha li tassisti lil-Libjani fit-tnejn tal-elezzjonijiet permezz ta' appoġġ għall-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Għolja u tilqa' l-isforzi li qed isiru attwalment biex jiġu organizzati elezzjonijiet muniċipali. Dawk kollha li jdgħajfu l-proċess politiku jew jheddu l-istabbiltà tal-Libja ser jinżammu responsabbli. Soġġett għal żviluppi ulterjuri, l-UE tinsab lesta biex tikkunsidra l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet addizzjonali.
4. Sabiex jiġu ssalvagwardjati l-istituzzjonijiet sovrani tal-Libja u tiġi avvanzata t-transizzjoni politika, huwa essenzjali li tiġi indirizzata b'mod effettiv is-sigurtà fi Tripli u fil-pajjiż kollu. L-UE u l-Istati Membri tagħha jħeġġu lill-partijiet kollha biex ikomplu bl-implimentazzjoni sħiħa tal-arranġamenti l-ġodda tas-sigurtà, inkluż permezz taċ-Ċentru Konġunt tal-Operazzjonijiet, u l-istabbiliment ta' forzi regolari tal-armata u tal-pulizija. L-UE tħeġġeġ lill-Libjani biex jikkonkludu ftehim inklużiv dwar l-unifikazzjoni tal-forzi armati taħt l-awtorità ċivili, fil-qafas tad-Djalogu tal-Kajr. L-UE tfakkar fil-ħidma taċ-Ċellola tal-UE ta' Kollegament u Ippjanar u tal-missjonijiet tal-PSDK tal-UE EUBAM Libya u EUNAVFOR MED Operazzjoni SOPHIA. L-UE ser tkompli tassisti lil-Libjani biex jirrinforzaw il-kapaċità tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà taħt il-koordinazzjoni tan-NU. L-indirizzar tal-isfidi għas-sigurtà ser jgħin fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u ser jikkontribwixxi biex tittejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

5. Sabiex tiġi żgurata politika ekonomika koerenti, jenħtieġu urġentement riformi strutturali monetarji u fiskali, inkluż ir-riforma tas-sussidji u tal-kont tal-pagi, u miżuri kontra l-korruzzjoni. Ir-riunifikazzjoni rapida tal-istituzzjonijiet nazzjonali, b'mod partikolari tal-Bank Ċentrali u l-Korporazzjoni Nazzjonali taż-Żejt, u r-rieżami finanzjarju tal-istituzzjonijiet finanzjarji huma essenzjali għal distribuzzjoni ġusta, trasparenti, responsabbli u sostenibbli tar-riżorsi nazzjonali għall-benefiċċju tal-Libjani kollha. L-UE thegħeġ lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha, inkluż lill-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali u lill-Bank Ċentrali, biex jadvanzaw urġentement ir-riformi ekonomiċi, u tinsab lesta biex tipprovdi appoġġ f'dawn l-isforzi f'koordinazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali.
6. L-UE ttenni l-impenn tagħha għall-istabbilizzazzjoni tal-Libja fl-ispirtu tal-Konferenzi ta' Pariġi u ta' Palermo. Il-koordinazzjoni mas-sħab Libjani u daww internazzjonali taħt il-proċess immexxi min-NU tibqa' kruċjali għal kooperazzjoni effettiva. L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu mħassba rigward il-ksur kontinwu tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq il-ġeneru. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipprovdu għajjnuna umanitarja lil daww fil-bżonn, u jassistu lill-poplu Libjan permezz tal-programmi tagħhom ta' kooperazzjoni f'firxa wiegħa ta' oqsma, inkluż il-governanza, l-iżvilupp ekonomiku, is-saħħa, iż-żgħażaġħ u l-edukazzjoni, is-soċjetà ċivili, is-sigurtà u l-medjazzjoni, u biex tiġi żviluppata l-kapaċità istituzzjonali tal-Libja.
7. L-UE ser tkompli wkoll tgħin lil-Libjani jindirizzaw l-isfidi tal-migrazzjoni, b'mod partikolari rigward: il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar tal-bnedmin; l-appoġġ għar-reżiljenza u l-istabbilizzazzjoni tal-komunitajiet ospitanti; it-titjib tas-sitwazzjoni u l-protezzjoni tal-migranti u r-refuġjati; l-għajjnuna biex jiġi żgurat l-aċċess tal-aġenziji tan-NU u ta' organizzazzjonijiet ta' għajjnuna oħra għall-migranti u l-persuni fi bżonn ta' protezzjoni; it-titjib tas-sistema attwali taċ-ċentri ta' detenzjoni; u ġestjoni aħjar tal-fruntieri, inkluż fin-nofsinar tal-Libja. L-UE tilqa' l-progress miksub s'issa fil-qafas tat-Taskforce Trilaterali UA-UE-NU, li ppermetta r-ritorni volontarji assistiti tal-migranti lejn il-pajjiżi tal-orijini tagħhom. L-UE tilqa' wkoll il-kooperazzjoni li seħħet fost il-partijiet ikkonċernati rigward l-evakwazzjoni ta' daww fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali bil-ħsieb tar-risistemazzjoni tagħhom u tistieden lill-Istati Membri biex ikomplu jsostnu l-isforzi tagħhom ta' risistemazzjoni volontarja.

8. L-UE tibqa' kompletament impenjata biex tappoġġa l-proċess ta' medjazzjoni mmexxi min-NU u l-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali u l-ħidma tal-UNSMIL. Hija ser tkompli tappoġġa lill-poplu Libjan fit-tul biex tassistih fl-iżvilupp ta' Libja stabbli, sikura u paċifika.
-